# REĠJUN TRAMUNTANA

**112 Triq Ġulju, Buġibba, San Pawl il-Baħar SPB 2617, Malta.**

**Laqgħa tar-Reġjun Tramuntana numru 130, miżmuma nhar is-16 ta’ Ottubru 2020, ġewwa l-Uffiċċju Amministrattiv tar-Reġjun Tramuntana.**

Il-Laqgħa bdiet fis-sitta u nofs ta’ filgħaxija.

---

Preżenti

Membri Preżenti:

| | | |
|---|---|---|
| • Anton Mifsud | | President |
| • Abraham Aquilin | Għargħur LC | Membru |
| • Daryl Connor | San Pawl il-Baħar | Membru |
| • Paul Vella | Mġarr LC (online) | Viċi President |
| • Matthew Chetcuti | Rabat LC | Member |
| • Raymond Schembri | Dingli LC | Membru |
| • Christianne Mifsud | Mtarfa LC | Membru |
| • Mary Anne Abela | Swieqi LC | Membru |
| • John Buttigieg | Mellieha LC | Membru |
| • Romilda B. Zarb | Mosta LC | Membru |
| • A.M.Muscat Fenech Adami | Naxxar LC | Membru |

Membri Skuzati:

Membri Assenti:

| | | |
|---|---|---|
| • Peter Sant Manduca | Mdina LC | Membru |
| • Dean Hili | Pembroke LC | Membru |

Is-Segretarju Eżekuttiv – George Abdilla

AĠENDA

130.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;
130.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;
130.3 Komunikazzjoni tal-President;
130.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri:
130.5 Kumunikazjoni
 130.5.1 AKL – ACR Membership
130.6 Rapporti;
 130.6.1 3rd Quarter Fanancial Statement
130.7 Affarijiet oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;
 130.7.1 Maghtab
 130.7.2 MWE represenation RT
 130.7.3 Toad Case
 130.7.4 Volunteering proposal
 130.7.5 Meet and Proposals for Business Plan and Action Plan 2021 – 2024
 130.7.6 Membership for councils via AKL
 130.7.7 Region Book Launch
 130.7.8 Pink October update
 130.7.9 Permits online
 130.7.10 Accessibility (webapp) proposal
 130.7.11 DPO Offer
130.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;
130.9Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-Laqgħa nfetħet mil-President Anton Mifsud. Bdiet fis-19.05. Il-President tar-Reġjun fetaħ il-laqgħa billi rringrazzja lill-membri tal-attendenza.

## 127.1 - Qari t' Apoloġiji

Is-Sinjuri Peter Sant Manduca u Omar El Arab kienu assenti.

Is-sur Matthew Chetcuti wasal fis-19:17hrs.
Is-Sinjura Anne Marie Muscat Fenech Adami waslet fis-19:22hrs u telqet fid-21:08hrs.

## 127.2 - Kunsiderazzjoni w Approvazzjoni tal-Minuti

Il-Minuti tal-laqgħa numru 129 ittieħdu bħala moqrija. Christianne Mifsud ipproponiet li jkunu approvati. Abraham Aquilina issekonda l-mozzjoni. Il-membri qablu unanimament.

Pink October – Is-SE semma li s-Sinjura Michelle Muscat u t-tim tal-Marigold Foundation kienu żaru ir-Reġjun, fejn raw ix-xogħol li kien qed isir mir-Reġjun kif ukoll il-proposti li kien prepara għal attivitijiet b'risq il-fondazzjoni, iżda li ma seħħewx minħabba l-Covid 19. Is-Sinjura Muscat esprimiet sodisfazzjon u nteress kbir għall-mixja proposta u tixtieq li din isseħħ is-sena d-dieħla. Fl-aħħar il-President kien preżenta somma ta' flus miġbura mill-istess Reġjun għall-fondazzjoni.

Is-Sinjura Romilda Zarb staqsiet rigward il-każ tat-Toad. Il-President spjega li dan il-każ kien ġej mill-2015 meta l-Ministru għoġbu jneħħi s-sistema ta’ LES minn idejn ir-Reġjuni, u waqqaf il-kuntratt tal-Authorized Officer. Is-SE kien ġibed l-attenzjoni tal-Ministru Bonnici illi jekk jitwaqqaf il-kuntratt, il-kumpaniji ser ikunu jistgħu ifittxu lir-Reġjuni għall-fatt li l-Kuntratt ma kienx jiprovdi li jitwaqqfu hekk, u jkollhom id-dritt tal-kumpens tal-bqija tas-servizz li baqalhom jofru. Fil-fatt din il-kumpanija kienet fetħet kawża lir-Reġjun Għawdex u rebħitu u kienet bdiet il-proċedura kontra r-Reġjun Tramuntana. Wara diskussjonijiet li saru bejn ir-Reġjun u l-Kumpanija bl-approvazzjoni tad-Direttur Ġenerali, intleħaq qbil u ħlas ta’ kumpens lill-Kumpanija. Id-Direttur Ġenerali, kien qed jitlob lill-Ministeru tal-Finanzi biex jirrifondu lura l-flus lir Reġjun Tramuntana.

Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni tal-membri għall-memo mibgħuta mid-Direttur rigward l-użu ta’ Online għal-laqgħat tal-Kunsilli. Spjega li din id-direttiva ma kinitx tapplika għar-Reġjuni hekk kif kien kiteb l-istess Direttur f’ittra mibgħuta wara din il-memo. Il-President żied jgħid li l-AKL u l-Presidenti kienu qed jaħdmu mal-Ministru biex l-online jkun permess mil-ġdid.

## 127.3 - Komunikazzjoni mil-President

Slow Streets
Il-president ippropona li ir-Regjun jghin lil-kul kunsill li qed jipartyecipa fis-Slow Streets bit-tlet elef ewro, liema somma tkopri l-ispoiza tar-Rapport. Il-Kunsilli ghandhom ihalsu huma ghar-Rapport u r-Regjun ihallas lil kunsilli rispettivi. Anne Marie Muscat Fenech Adami issekondat din il-Mozjoni. Il-Membri qablu unaniment.

Tizjien tal-Mieled
Saret diskuzjoni biex ir-regjun jghin lil kunsilli lokali fit-tisjin tal-mieled. Anton Mifsud u Romilda Zarbipproponew li ir-regjun jghin biex jissebhu toroq ġodda. Il-Prsident wera x-xewqa li kul kunsill ikollu l-arma regjonali bhala parti mit tisjin. Din tkun qed issir mir-regjun u mimtella mil-kunsilli. Is-SE ser jara jek din tkunx possibli ghal-din is -sena.

Il-President ippropona li r-Reġjun jghin b’somma ta’ elf ewro lil kull kunsill. Romilda Zarab issekondat. Il-membri qablu unanimenet.

Kumpens ta l-ispejjez tar Regjun mil-Lesa. Il-president infoma lil membri li fl-AKL, il-hames preseidneti kienu qablu li jatu ultimatu lil-LESA biex thalas l-ispejjes dovuti, dan wara li kien sar audit ta’lispejjes moddija mir-Regjuni lil-Lesa u id Direttur ta DLG kien hareg durettiva dwar l-istess spejjes. Il-Preseidenti kienu qablu li jek sa l-ahhar tax-xhar ma jkun sar il-hlas, it-Tribunali kienu ser jintalqu.

Xiri Ta’propejta.
Ir-Regjun ser ikollu sotto kumitat immexxi min Paul Vella, Romilda Zarb u John Buttigieg biex iffitxi propjeta. Is-SE ser jahdem fuq din.

## 127.4 - Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

Romilda Zarb proponiet li r-Reġjun jagħmel numru ta' short videos biex jikkumbatti l-vjolenza domestika, hekk kif kien innutat li matul il-lockdown dan kien żdied. Matthew Chetcuti issekonda l-mozzjoni. Il-membri qablu unanimament. Is-Sinjura Zarb ser tgħin billi tara fuq artwork u videos.

## 127.5 – Komunikazzjoni

### SPI.SCI.3.2020.Finanzjament ta' Proġetti Kapitali. Aċċessibilita' u Mobilita'

Is-SE spjega li mir-riċerka li għamel fuq is-Silver T, is-servizz kien qed jilħaq biss lil dawn il-lokalitajiet: Rabat (inkluż Baħrija), Mtarfa, Ħad-Dingli, Mosta, Burmarrad u Mġarr. Kien fil-proċess li jissottometti proposta biex ir-Reġjun jilħaq il-lokalitajiet kollha. Is-SE intalab jagħmel laqgħa mas-Seg Parlamentari Silvio Parnis fuq dan is-suġġett.

Il-President ippropona li titwaqqaf il-laqgħa sabiex issir diskussjoni fuq ir-rapport finanzjarju minn Romina Perici Ferrante. Anne Marie Muscat Fenech Adami issekondat. Il-membri qablu u l-laqgħa twaqfet fis-19:36hrs.

Il-laqgha reġgħet infetħet 20:55hrs.

Il-President ippropona li r-Reġjun jagħmel maskri ta' protezzjoni bl-arma reġjonali. Dawn jitqassmu mal-Kunsilli u jingħataw lin-nies għal donazzjoni li tingħata lil Marigold Foundation. John Buttigieg issekonda l-Mozzjoni. Il-Membri qablu unanimament.

Waste Serv
Iż-żjara għal Magħtab ser issir nhar it-3 ta' Novembru fl-10 ta' filgħodu.

Konferenza tar-Reġjun
Fl-20 ta' Novembru, il-membri qablu li għandha ssir konferenza bejn il-membri kollha biex jiddiskutu u jipjanaw għat-tliet snin li ġejjin. IS-SE ser jaħdem fuq dan l-avveniment.

## 127.6 – Rapporti

Il-President ippropona li r-rapport finanzjarju tat-tielet kwart ikun approvat. Anne Marie Muscat Fenech Adami issekondat. Il-membri qablu unanimament.

Saret diskussjoni fuq il-preżentazzjoni tal-Online Permit System. Il-membri qablu li din għandha ssir u talbu lis-Segretarju Eżekuttiv biex jinforma b'din il-laqgħa lis-Segretarji Eżekuttivi sabiex jiffinalizzaw din is-sistema.

Fir-rigward tal-proposta biex is-sit elettroniku isir iktar aċċessibli, Romilda Zarb talbet li l-proposta tinqasam sabiex inkunu nafu eżattament x'ser tiswa. Il-membri qablu.

Is-SE ippreżenta l-offerta tad-DPO fejn il-kumpanija kienet offriet tnaqqas sa 20 fil-mija fuq is-sena ta' qabel. Il-membri qablu li s-servizz ta' DPO jitkompla mill-kumpanija Boom.

## 123.8 – Kunsiderazzjoni w Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti



Tel. 21572770,– E-mail regjun-tramuntana.dlg@gov.mt

Is-Segretarju Eżekuttiv ppreżenta l-iskeda tal-pagamenti numru 130. Matthew Chetcuti ippropona li jitħallsu l-pagamenti. Abraham Aquilina issekonda l-mozzjoni. Il-membri qablu unanimament.

## 122.9 - Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-laqgħa ntemmet fl-għaxra neqsin għoxrin ta’ filgħaxija.
Il-laqgħa li jmiss ser tkun nhar il-Ħamis 12 ta’ Novembru fis-sebgħa ta’ filgħaxija.
Fi tmiem il-laqgħa waslet is-Sinjura Romilda B Zarb.

| | |
|---|---|
| ______________________ | ______________________ |
| Anton Mifsud | George Abdilla |
| President | Segretarju Eżekuttiv |
| Approvati llum 12 ta’Novembru 2020 | |



Tel. 21572770,– E-mail regjun-tramuntana.dlg@gov.mt